# KUNSILL LOKALI FGURA

126-128. 'KUNSILL LOKALI FGURA' TRIQ HOMPESCH, IL-FGURA FGR2015 TEL: 21 664000 email: fgura.lc@gov.mt


## IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Minuti

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Fgura

**Laqgħa Numru 16/2020**

Data: L-Erbgħa 24 ta' Ġunju, 2020

Ħin: 18:30hrs

Post: Kunsill Lokali Il-Fgura, 126-128. Triq Hompesch, Il-Fgura.

| | |
|---|---|
| Preżenti: | Sur Pierre Dalli – Sindku<br>Sur Clayton Portelli Cascun – Viċi Sindku<br>Sur Charles Bonello – Kunsillier<br>Sur Ray Deguara - Kunsillier<br>Dr. Ryan Ellul – Kunsillier<br>Sur Mario Fava - Kunsillier<br>Sur Adrian Tanti – Kunsillier<br>Sur Mark Lombardo - Kunsillier<br><br>Sin Cynthia Plumpton –Segretarju Eżekuttiv |
| Skużati: | Sin Toshera Schembri - Kunsilliera |

**AĠENDA**

**16.1 TALBIET TA' APOLOĠIJA**

**16.2 MINUTI**

**16.3 PUNTI MQAJJMA MILL-MINUTI**

**16.4 PURCHASE REQUEST FORMS**

**16.5 ĦLASIJIET**

# KUNSILL LOKALI FGURA


16.6 FINANZI

16.7 MEMOS U KOMUNIKAZZJONI MID-DIPARTIMENT TAL-GVERN LOKALI

16.8 TENDERS, QUOTATIONS, KUNTRATTI U OFFERTI

16.9 KORRISPONDENZA

16.10 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

16.11 PROĠETTI, TOROQ U XOGĦOLIJIET INFRASTRUTTURALI

16.12 TRAFFIC MANAGEMENT

16.13 STAFF

16.14 MOZZJONIJIET

16.15 PLANNING AUTHORITY

16.16 PROGRESS TA' ĦIDMA MILL-MEMBRI TAL-KUNSILL

16.17 MISTOQSIJIET

16.18 AĠĠORNAMENT


## 16.1 TALBIET TA' APOLOĠIJA

**16.1.1** Il-Kunsill ra u approva t-talbiet bħala ġustifikati biex il-Kuns T Schembri tkun skużata għal din il-laqgħa.

## 16.2 MINUTI

**16.2.1** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 5518/20/8 "Sabiex jiġu approvati l-Minuti tal-laqgħa 14/2020 bid-data ta' 20 ta' Mejju 2020". Approvazzjoni tal-Minuti

Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

## 16.3 PUNTI MQAJJMA MILL-MINUTI

**16.3.1** Ma tqajjem l-ebda punt f'dan ir-rigward.

## 16.4 PURCHASE REQUEST FORMS

**16.4.1** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 5519/20/8 "Sabiex jiġu approvati PRFPO for CM June 2020 kif inhu anness" (Ara DOK 'A' anness). Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku.

Approvazzjoni tal-PRFPO June '20

Is-Sindku talab sabiex jitniżżlu l-ismijiet.

Favur: Sindku, Viċi Sindku, R Deguara, M Fava, A Tanti.

Astenzjoni: M Lombardo.

Kontra: Ħadd

Il-mozzjoni ref: 5519/20/8 għaddiet b'ħames voti favur, bl-ebda vot kontra astenzjoni waħda.

## 16.5 ĦLASIJIET

**16.5.1** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 5520/20/8 "Sabiex jiġu approvati ħlasijiet minn 21/05/2020 sa 15/6/2020". Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku. (Ara DOK 'B' anness).

Approvazzjoni tal-ħlasijiet

Is-Sindku talab sabiex jitniżżlu l-ismijiet.

Favur: Sindku, Viċi Sindku, R Deguara, M Fava, A Tanti.

Astenzjoni: M Lombardo.

Kontra: Ħadd

Il-mozzjoni ref: 5520/20/8 għaddiet b'ħames voti favur, bl-ebda vot kontra u astenzjoni waħda.

**16.5.2** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 5521/20/8 "Sabiex jiġu approvati ħlasijiet minn 15/06/2020 sa 24/6/2020." Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku. (Ara DOK 'C' anness).

Lista addizzjonali għal Approvazzjoni tal-ħlasijiet

Is-Sindku talab sabiex jitniżżlu l-ismijiet.

Favur: Sindku, Viċi Sindku, R Deguara, M Fava, A Tanti.

Astenzjoni: M Lombardo.

Kontra: Ħadd

Il-mozzjoni ref: 5521/20/8 għaddiet b'ħames voti favur, bl-ebda vot kontra u astenzjoni waħda.

Il-Kuns C Bonello daħal fil-kamra 18:35hrs.

Il-Kuns R Ellul daħal fil-kamra 18:40hrs.

**16.5.3** Is-Sindku nforma lill-Kunsill dwar korrispondenza mingħuta mingħand il-Kummissjoni Festa Esterna dwar tappieri tal-ħadid. Saret diskussjoni li l-mozzjoni ref: 4307/16/7 għadha valida u li l-Kunsill ser jimxu fuqha. Tappieri tal-ħadid

**16.5.4** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 5522/20/8 "B'referenza għall-mozzjoni ref: 5402/20/8 "Sabiex isir ħlas ta' Euro 495 għal sticker album skont kif anness" dan il-Kunsill minflok b'kollaborazzjoni ma' Fgura Utd F.C ser itella Summer School fejn il-Kunsill għandu jagħmel tajjeb għal Coaching kif ukoll għal apparat biex jintuża għat-taħriġ. Dan għal spiża ta' mhux aktar minn €600". Il-Kuns A Tanti nforma illi jekk huma jkunu jixtiequ xi barriers min naħa tal-Kunsill jistgħu jużaw tal-Kunsill stess. Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku. Summer school – Fgura Utd F.C

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**16.5.5** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 5523/20/8 "Sabiex dan il-Kunsill jixtri printer kif ukoll żewġ siġġijiet sabiex jintużaw fil-librerija tal-lokal għal spiża ta' mhux aktar minn €500". Din kienet sekondata mill-Kuns M Lombardo. Librerija

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

## 16.6 FINANZI

**16.6.1** Is-Sindku nforma lill-kamra li ser ikollha tissejjaħ laqgħa b'urġenza dwar ir-reply to management letter minħabba l-fatt li omm l-accountant ġiet nieqsa. Reply to Management Letter

## 16.7 MEMOS U KOMUNIKAZZJONI MID-DIPARTIMENT TAL-GVERN LOKALI

**16.7.1** Ma tqajjem l-ebda punt f'dan ir-rigward.

## 16.8 TENDERS, QUOTATIONS, KUNTRATTI U OFFERTI

**16.8.1** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 5524/20/8 "Sabiex dan il-Kunsill jagħżel lil Urban Play Solutions għal tender BDL-17-20 - Tender for the installation of "Poured in Place" Playground surfacing at Pjazza Patri Redent Gauci, Fgura". Din kienet sekondata mill-Kuns R Ellul. BDL-17-20

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

## 16.9 KORRISPONDENZA

**16.9.1** Ma tqajjem l-ebda punt f'dan ir-rigward.

## 16.10 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

**16.10.1** Is-Sindku nforma lill-kamra dwar is-siġar li kienu ser jinġiebu fil-main road tal-lokal. Siġar

**16.10.2** Is-Sindku nforma lill-kamra dwar komunikazzjoni riċevuta mill-uffiċċju tal-MEP Alex Agius Saliba dwar riklam li jixtiequ jagħmlu fil-ubar. Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 5533/20/8 "Sabiex dan il-Kunsill japprova li ssir Ubar b'riklam fi Triq San Mikiel ma' Triq Zabbar". Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku. Riklam f'Ubar fi Triq San Mikiel ma Triq Zabbar

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**16.10.3** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 5525/20/8 "Sabiex il-Kunsill flimkien mal-Kummissjoni Festa Esterna jagħmel reklam fil-fuljett tal-festa għal spiża ta' mhux aktar minn €300". Kien hemm qbil li jitniżżel l-awguri tal-festa wkoll. Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku. Reklam Kummissjoni Festa Esterna

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**16.10.4** Is-Sindku nforma lill-kamra dwar il-ħtieġa li jitpoġġew bins sabiex jintremew sigaretti fihom quddiem ħwienet partikolari fil-Fgura. Waqt id-diskussjoni kien hemm qbil li dawn ma jkunux ta' nkonvenjent għar-residenti li joqgħodu fil-maġenb. Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 5526/20/8 "Sabiex isiru bins fuq poles li fuq ikun hemm ashtray fuq. Dawn għandhom jitwaħħlu quddiem dawn il-ħwienet: Merħba Bar, Fgura Band Club, Fgura Bar, Keyhole, PL Club, Dinos Cafe, PN Fgura, Bins għas-sigaretti

Galleria Complex u Triq Louis Schickluna". Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**16.10.5** Is-Sindku nforma lill-kamra dwar il-Community Policing u spjega fuq fuq kif qegħda l-pjanta bit-tibdiliet il-ġodda. Informa lill-kamra li qed nistennew li joħroġ il-permess mill-Planning Authority u li l-materjal ser ikun provdut min naħa tal-community police. Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 5527/20/8

Community Policing

"Sabiex dan il-Kunsill jagħżel lil Stephen Barbara biex jagħmel xogħol fil-clubhouse b'konnesjoni ma' Community Policing. Dan ix-xogħol jinkludi xogħol ta' drenaġġ, partitions u nstallazjoni ta' dawl, ilma u internet għal spiża ta' mhux aktar minn €4,500 vat inkluż". Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**16.10.6** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 5528/20/8 "Sabiex dan il-Kunsill jixtri ħadid biex isir handrail ġdid biex jintuża fejn ser jiġu stazjonati l-Community Police għal spiża ta' mhux aktar minn €600". Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**16.10.7** Is-Sindku nforma lill-kamra li l-lattrina tal-lokal ser tiġi f'idejn il-Kunsill. Saret diskussjoni fejn ġie deċiż li jsir *agreement* mal-persuna li tkun ser tidħol responsabbli għaliha sabiex il-Kunsill ikun jaf il-ħinijiet li l-*attendant* ser ikun hemm.

Latrina

**16.10.8** Is-Sindku nforma lill-kamra dwar il-komunikat li rċevejna mingħand il-Perit tal-Kunsill dwar il-Ġnien tal-Foss tas-Sur, Triq Carapecchia, Fgura fejn fiha kien hemm imniżżel li l-Lands Authority qegħdin jindikaw li s-sit huwa mmarkat bħala *unlet government property* li jfisser li tista ssir applikazzjoni għal dan il-ġnien, pero nkunu rridu nġibu clearance mingħand il-Lands Authority sabiex jagħtuna l-permess immexxu bl-applikazzjoni. Il-perit infurmana li kienet diġa saret proposta applikazzjoni fil-viċinanzi ta' dan il-ġnien fejn il-Planning Authority irrakomandaw li din l-applikazzjoni tifforma parti minn proposta ikbar li tinvolvi r-riġenerazzjoni ta' dan il-post. Il-perit talabna nikkunsidraw dan il-punt iżda waqt li saret

Ġnien tal-Foss

diskussjoni ma kienx hemm qbil dwar dan. Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 5529/20/8

"Ġaladarba l-Lands Authority nfurmatna li l-art mhix mixtrija dan il-Kunsill għandu jkompli bit-talba tiegħu biex tiġi mgħoddija lill-Kunsill Lokali skont l-email annessa". Din kienet sekondata mill-Kuns C Bonello.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**16.10.9** Is-Sindku nforma lill-kamra dwar komunikat li rċevejna mingħand il-Housing Authority fejn informa lill-membri li min għandu xi isem ta' xi blokk fil-Housing jgħaddi l-informazzjoni tagħha lill-Kunsill sabiex inkunu f'pożizzjoni li napplikaw għaliha. Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 5530/20/8 "Sabiex dan il-Kunsill japplika fl-iskema Housing Authority Scheme 2 1) Blk (Door 1) Triq Antonio u Maria Cumbo u tnejn oħra". Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku.

Skema *Housing Authority*

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**16.10.10** Is-Sindku nforma lill-kamra dwar komunikat li rċevejna mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar il-proġett ta' Slow Streets. Informa li din il-proposta ser ikun hemm konsultazzjoni dwarha mat-Traffic Management fejn ser ikun hemm studju kbir kif dan il-proġett jista jitwettaq.

Slow Streets

## 16.11 PROĠETTI, TOROQ U XOGĦOLIJIET INFRASTRUTTURALI

**16.11.1** Is-Sindku nforma lill-membri li ser ikun qed isejjaħ laqgħa mal-kumpanija Go fejn flimkien mal-Kuns C Bonello u l-Kuns R Ellul jiġu diskussa dawk il-kaxxi li qed jitweħħlu u jkerrħu bankina minbarra l-fatt li din il-kumpanija qed tinjora lill-Kunsill. Il-Viċi Sindku nforma wkoll li dawn għandhom inaddfu l-ħmieġ li jħallu u jekk hemm bżonn anki jaħslu t-triq.

Kmpanija GO

## 16.12 TRAFFIC MANAGEMENT

**16.12.1** Il-Kuns R Ellul ressaq mozzjoni ref: 5531/20/8 "Sabiex issir sleeping police fi Triq Kampanella k/m Triq Ward tax-Xemx". Il-Kuns A Tanti ġibed l-attenzjoni li jaħseb li mhuwix il-post addattat. Din kienet sekondata mis-Sindku.

Sleeping police Triq Kampanella k/m Triq il-Ward tax-Xemx

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**16.12.2** Il-Kuns R Ellul ressaq mozzjoni ref: 5532/20/8 "Sabiex isiru tabelli li vetturi kummerċjali ma jistgħux jipparkjaw fi Pjazza Ġorġ Stevens". Saret diskussjoni. Din kienet sekondata mill-Kuns M Lombardo.

Tabelli għall-vetturi kummerċjali li ma jistgħux jipparkjaw

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**16.12.3** Il-Kuns R Ellul ressaq mozzjoni ref: 5534/20/8 "Sabiex issir mera fi Triq Hompesch kantuniera ma Triq Sant' Antnin (fejn il-Bibas)". Din kienet sekondata mill-Kuns M Lombardo.

Mera fi Triq Hompesch k/m Triq Sant Antnin

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**16.12.4** Il-Kuns R Ellul ressaq mozzjoni ref: 5535/20/8 "Sabiex issir ubar jew żewġ bollards fi Triq Blondel kantuniera ma Triq Bormla". Din kienet sekondata mill-Kuns M Lombardo.

Ubar jew 2 bollards fi Triq Blondel k/m Triq Bormla

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**16.12.5** Il-Kuns R Ellul ressaq mozzjoni ref: 5536/20/8 "Sabiex issir tabella fuq kull unloading bay fil-Fgura li tindika li vettura ma tistax iddum iktar minn 15 -il minuta fuq l-unloading bay. Din it-tabella għandha ssir skont kif inhu anness". Din kienet sekondata mis-Sindku.

Unloading bays

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**16.12.6** Il-Kuns R Ellul ressaq mozzjoni ref: 5537/20/8 "Sabiex issir mera fi Triq is-Sur faċċata ta' Triq il-Buqexrem". Din kienet sekondata mill-Kuns M Lombardo.

Mera fi Triq is-Sur faċċata ta' Triq Buqexrem

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**16.12.7** Il-Kuns R Ellul ressaq mozzjoni ref: 5538/20/8 "Is-sotto kumitat tal-immaniġġjar tat-traffiku ma jilqax it-talba sabiex issir l-unloading bay skont il-korrispondenza annessa". Din kienet sekondata mill-Kuns M Lombardo.

Ma tintlaqax talba għal unloading bay fi Triq Mater Boni Consilii

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

## 16.13 STAFF

**16.13.1** Is-Sindku nforma lill-kamra li Shazia Chetcuti Caruana kellha tarbija u ser tkun qegħda tirritorna x-xogħol fis-26 ta' Novembru, 2020. Informa lill-kamra li dan il-Kunsill bgħatilha bukkett fjuri bħalha ġest.

Shazia Chetcuti Caruana

**16.13.2** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 5539/20/8 "Sabiex l-impjegat Eugenio Abela jitla minn Notch 5 għal Notch 6 skala 15". Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Progression

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**16.13.3** Is-Sindku nforma lill-kamra illi s-Sin Ritianne Cassar ġiet maħtura Deputat Segretarju Eżekuttiv mal-Kunsill Lokali b'effett mit-23 ta' Ġunju, 2020.

Hatra ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv

Il-Kuns R Deguara ħalla l-kamra fit-19:45hrs.

## 16.14 MOZZJONIJIET

**16.14.1** Ma tqajjem l-ebda punt f'dan ir-rigward.

## 16.15 PLANNING AUTHORITY

**16.15.1** Is-Sindku nforma l-kamra dwar ir-razzett li jinsab fi Triq Hompesch. Dan il-każ ġie diferit. Informa li hu ltaqa' mal-Ministru Aaron Farrugia. Informa lill-kamra li għandu jiġi maħtur sotto kumitat bil-membri tal-Kunsill li jixtiequ jiffurmaw parti minnu kif ukoll b'nies barra mill-Kunsill bħall-għaqdiet. Is-Sindku wera l-importanza li ningħaqdu f'dan il-mument u li kulħadd għandu juri mpenn bis-serjeta. Informa li f'dan l-istadju kollox jorbot mal-iskdedar. Il-Kuns M Fava nforma li lest li jagħti l-għajnuna tiegħu u li għandna nenfasiżżaw fuq il-local plans li ma sarux. Il-Kuns C Bonello semma lill-Perit Mark Borg li huwa mill-Fgura u li forsi jista jagħtina l-għajnuna tiegħu jekk ikun il-każ. Il-Kuns M Fava semma l-Avukat Claire Bonello li jekk ikun il-każ din tista tissejjaħ għal għajnuna peress li dak huwa l-qasam tagħha. Is-Sindku ssuġerixxa li dan is-sotto kumitat jissejjaħ għal nhar it-Tlieta 30 ta' Ġunju 2020 fis-18:00hrs wara li tintbgħat il-korrispondenza lil għaqdiet tal-lokal u dawk li wrew interess u naraw hemmx konkorrenza. Il-Kuns C Bonello ġibed l-attenzjoni li dan is-sotto kumitat għandu jkun li purament is-suġġett ikun ir-razzett biss u l-ebda affarijiet oħra. Kien hemm qbil dwar dan ir-rigward. Għaldaqstant għandu jinħatar dan is-sotto kumitat fejn imbagħad wara jiġi deċiż x'azzjoni għandha tittieħed.

Razzett l-Antik – Triq Hompesch

## 16.16 PROGRESS TA' ĦIDMA MILL-MEMBRI TAL-KUNSILL

**16.16.1** R Ellul ma kellux xi jressaq.

**16.16.2** A Tanti nforma li ħa jkun qed iġib informazzjoni dwar żewġ *ca*t xelters li jinsabu fi Pjazza Reggie Miller u fi Pjazza Ġorġ Stevens.

**16.16.3** M Fava ma kellux xi jressaq.

**16.16.4** C Bonello spjega u ressaq rapport dwar il-progress ta' ħidma tiegħu. (Ara DOK 'D' anness).

**16.16.5** C Bonello nforma lill-kamra dwar il-progress tal-iskema kulturali LESA.

**16.16.6** C Bonello nforma lill-kamra li saret laqgħa oħra tas-Sotto Kumitat Ambjent, Kultura u Wirt Storiku.

**16.16.7** C Bonello spjega li rigward l-isem ta' Triq is-Sejba Punika għad m'hemmx żviluppi.

**16.16.8** C Bonello nforma lill-kamra dwar il-progress li qed isir fuq l-arbli li jinsabu fi Triq Zabbar, Triq il-Karmnu u Pjazza Reggie Miller.

**16.16.9** C Bonello nforma li beda jaħdem fuq it-taqsimiet tal-ktejjeb żgħar dwar l-istorja tal-Fgura.

**16.16.10** C Bonello nforma lill-kamra dwar l-applikazzjoni għal Wesgħa Nazzareno Farrugia li din ġiet ippreżentata lill-Kumitat għat-Tismija tat-Toroq.

**16.16.11** C Bonello nforma lill-kamra dwar il-progress li qed isir dwar il-Bust ta' Nazzareno Farrugia.

**16.16.12** C Bonello nforma lill-kamra dwar l-esebizzjonijiet tat-tpinġijiet tat-tfal. C Bonello ressaq mozzjoni ref: 5540/20/8 "Mozzjoni sabiex dwar it-tpinġijiet tat-tfal (studenti) marbuta mal-Covid 19: Jibdew jittieħdu ritratti professjonali tat-tpinġijiet u tiġi preparata l-pubblikazzjoni tal-ktejjeb. Issir wirja b'dawn it-tpinġijiet fil-Kunsill. Issir ċerimonja fejn jingħataw iċ-ċertifikati u jiġi mistieden il-President ta' Malta fost l-oħrajn. Għal dan kollu għandha tiġi vvutata s-somma ta' €3,500". Din kienet sekondata mill-Kuns M Fava.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**16.16.13** C Bonello nforma lill-kamra li x-xogħol fuq ittri neqsin tal-monument fi Pjazza Ġorġ Stevens sar.

**16.16.14** C Bonello nforma lill-kamra li x-xogħol beda fuq l-Attivita Milied u Festa tal-Ilsien Malti.

**16.16.15** C Bonello nforma lill-kamra dwar Wirja għal Jum il-Fgura fejn issuġerixxa li jew issir wirja għat-tfal marbuta mal-covid-19 jew inkella wirja fuq numru ta' personaġġi mill-Fgura.

**16.16.16** M Lombardo nforma lill-kamra dwar l-iżviluppi tal-librerija u li din ser tkun qed terġa tiftaħ għall-pubbliku.

**16.16.17** M Lombardo nforma lill-kamra li l-Ħadd 12 ta' Lulju, 2020 ser issir il-quddiesa tal-festa u filgħaxija fis-19:00hrs ser isir pellegrinaġġ flok purċissjoni.

**16.16.18** M Lombardo nforma lill-kamra illi dwar id-dekorazzjonijiet tal-Milied qed nistennew li niffinalizżaw.

**16.16.19** Il-Viċi Sindku irringrazzja lill-Kuns M Fava li laqqgħu mas-Sin Rachel Powell mill-Ministeru fejn wara laqgħat mas-sotto kumitat waslu li jsiru s-siġar ġo pots fi Triq Zabbar u li dawn estendewhom għal Triq Hompesch.

**16.16.20** Is-Sindku staqsa lis-Segretarju Eżekuttiv dwar kif żvolġew l-affarijiet rigward l-impjieg tas-Sur Aleandros Brincat fuq skema tas-CIES. Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li l-persuna kkonċernata wriet u qalet li mhix il-linja tagħha f'dan l-impjieg u ma setgħetx tiżvela diskussjoni li saret minnu flimkien magħha u wara li nġiebu l-approvazzjonijet tal-membri Kunsilliera dan ma ffirmax il-kuntratt.

## 16.17 MISTOQSIJIET

**16.17.1** Ma tqajjem l-ebda punt f'dan ir-rigard.

## 16.18 AĠĠORNAMENT

**16.18.1** Il-laqgħa ntemmet fid-20:45hrs.

Il-laqgħa ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa 29 ta' Lulju, 2020 fis-18:00hrs fejn wara din il-laqgħa s-Sindku nforma lill-membri kollha flimkien mal-ħaddiema

kollha bil-familjari tagħhom sabiex jiġu għal bar-b-que li ser isir fil-Kunsill stess a spejjeż ta' kull min ġej.

IFFIRMATA

Is-Sur Pierre Dalli
Sindku

IFFIRMATA

Sinjura Cynthia Plumpton
Segretarju Eżekuttiv

Data: 24 ta' Ġunju, 2020

DOK 'A'

| PRFPO for CM June 2020 | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **Purchase Request** | **Purchase Order** | **Name** | **Item** | **Price Euro** |
| 8216 | 8430 | Construct Furniture | Wooden door 777K Light Amati Installation & Handle | € 283.20 |
| 8217 | 8431 | AB Supplies | 5 ltr back façade x3, 2 xkupi lanzit, 2 paint brush, 2 trays, 1 box disposable | € 436.91 |
| 8218 | 8432 | Kummissjoni Festa Esterna | Xoghol u installazzjoni ta' 2 galletti tal-arbli tal-binja tal-Kunsill | € 175.00 |
| 8219 | 8433 | Vince Hardware Stores | 1 gloves, 100 masks | € 97.36 |
| 8220 | 8434 | AB Supplies | 4 sets coffee, 2 patio dressing 5ltrs, 18 bolts, 6 acrylic spray paint white, 2 HSS Drill, 1 patio dressing 5ltrs, 1 patio dressing 10ltrs, 2 paint brush, 6 sprays, 4 paint brush, 2 patio dressing 10ltrs, 2 patio dressing 5 ltrs, 6 rollers, 1 gloves | € 475.67 |
| 8221 | 8435 | Dr. Charmaine Xuereb | spaying of 1 female cat | € 40.00 |
| 8222 | 8436 | AB Supplies | 12 sprays, 5Ltr patio dressing x4, 5 Ltr white paint x2, 5Ltr tile red x2, 4 paint brush, 1 plastic bag, 4 sprays, 1 sigmakwartz 15Ltrs | € 370.94 |
| 8223 | 8437 | DiRocco Trading | 4 dishwashing liquid, 10 floor wash, 6 liquid bleach, 12 Deg, Garbage bags, 6 instant coffee, 12 white sugar, 3 teabags, toilet paper | € 198.42 |
| 8224 | 8438 | AB Supplies | 4 rollers, 2 paint brushes, 1 plastic bag, 1 box gloves, 2 patio dressing tile red x10ltrs, 1 patio dressing tile red x10ltrs, patio white x5 ltrs, 1 white cement, 1 rasacote, 4 rollers, 1 handle, 1 zokk, 3 ramel, 3m sandpaper, white paint 5ltrs, 1 red tile paint 5ltrs, 1 kurrent, 8rollers, 1 gloves, 1 patio dressing 10ltrs, 2 tile red x10ltrs, 1 tile red 5ltrs, 2 white paint x5ltrs, 4 garbage bags, 2 ducting tape | € 720.86 |
| 8225 | 8439 | Cartridge World | Toner MLT205L | € 80.00 |
| 8226 | 8440 | Saviour Belli | Fixing of drainage in Triq San Gwann | € 354.00 |
| 8227 | 8441 | Dingli Aluminium | 4 notice boards banco perla gloss clear 5mm | € 873.20 |
| 8228 | 8442 | EcoPure Ltd | water dispenser | € 208.00 |
| 8229 | 8443 | Luca Nagiah | design of 4 benches, waste bin & planter near Gallerija Complex | € 150.00 |
| 8230 | 8444 | Francis Service Station | Diesel IBL985 | € 40.00 |
| 8231 | 8445 | AB Supplies | 1 signal tape, 15 patio dressing, 10ltr patrio dressing, 5 ltr patio dressing, 1 scraper, 2 ramel, 1 zrar, 1 gloves, 4 c/up, 3 ramel, sandpaper, 1 mask, 3 flap disc, 1 cement black, 1 box gloves, 1 box masks, 2 patio dressing red, 1 patio dressing white | € 394.90 |
| 8232 | 8446 | Angelo Schembri | hiring of Hi Up for Saturday 30th May re Arblu quddiem Gallerija Complex | € 295.00 |
| 8233 | 8447 | AB Supplies | 1 box masks, 1 box nails, 2 patio dressing tile red 10ltrs, 1 patio white 10 ltrs, 1 eggshell Blk 500ml, 2 paint brush, 1 patio 5 ltrs, 6 paint brushes, 1 mt sandpaper, 4 rollers, 1 tray, 1 roller, 4 hammerite, 1 sigma kwartz, 1 hempel 5 ltrs, 3mtrs sandpaper, 2 pair gloves, 2 gibs tat-2kgs | 373.15 |
| 8234 | 8448 | EcoPure Ltd | 5 water bottles for dispenser | € 13.96 |
| 8235 | 8449 | Adrian Mifsud | DPO service during June 2020 | € 373.67 |
| 8236 | 8450 | Catherine Sammut | Maid service during June 2020 | € 377.40 |
| 8237 | 8451 | EcoPure Ltd | 4 water bottles for dispenser | € 11.17 |
| 8238 | 8452 | Jesmond Bartolo | 1 bronze letter D for Gorg Stevens monument | € 70.00 |
| 8239 | 8453 | AB Supplies | 4 mtrs sand paper, 1 broom, 1 gloves, wire brush, disposable mask, 1 patio 10Ltrs, 1 box gloves, 2 roll pplastic, 1 plastic, 2 brushes, 2 rollers, 1 mtr plastic, 1 double sided tape, 1 foldable knife, 2 acrylic paint 15ltrs, 1 box gloves, 1 gloss | € 340.58 |
| 8240 | 8454 | Adrian Mifsud | Procurement Consultancy Services during May 2020 | € 395.30 |
| 8241 | 8455 | Joseph Baldacchino Flower Arts | bouquet of flower to Shazia Chetcuti Caruana on the occasion of her newborn | € 35.00 |
| 8242 | 8456 | Borg Cardona | 4 cat recovery cages | € 224.00 |
| 8243 | 8457 | Kummissjoni Festa Esterna | Arblu gdid fi Triq il-Karmnu | € 1,500.00 |
| 8244 | 8458 | Techstore Ltd | HP Toner 205A, Canon Toner 737 x2, HP Toner Cyan, HP Toner Magenta, HPToner Yellow, HP Toner Black | € 880.56 |
| 8245 | 8459 | AB Supplies | 5 sigma kwartz 2.5Ltrs, 1 sigma kwartz 5Ltrs, 6 paint brushes, 1v/c grey, 1masking tape, 2 rollers | € 118.02 |
| 8246 | 8460 | Il-Mincott | Hempel Black 5ltrs, Hempel white 5ltrs, hempel red 5ltrs, hempel spice brown 5 ltrs | € 618.82 |
| 8247 | 8461 | Dota Frames | 2 frames | € 75.00 |
| 8248 | 8462 | Il-Mincott | xkora cement bajda, zabgha magnolia 10ltrs, borza ta' fuq il-fil | € 86.60 |
| 8249 | 8463 | Construct Furniture | 10 drawer cabinette | € 908.00 |
| 8250 | 8464 | Construct Furniture | desk | € 277.30 |
| 8251 | 8465 | Dgalea Consult Ltd | Accountancy Services standard retainer Apr to Jun 2020 | € 1,416.00 |
| 8252 | 8466 | Antoinette Curmi | Additional Accountancy services Apr to Jun 2020 | € 2,925.00 |
| 8253 | 8467 | National Gypsum Ltd | 1 gloss white 1 ltr, 12 paint brush, 1 eggshell black, 1 box gloves, 2 cement black, 2 paint gloss 5ltrs | € 131.14 |

**Skeda ta' Pagamenti v3 - Rapport ta' Xiri u Pagamenti**

**Data: 21/05/2020 sa 15/6/2020**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jithallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | Staff Salary for May 2020 by cheque | € 2,072.63 | € 2,072.63 | DA | PF | Payroll for May 2020 | nil | nil | nil | nil | 1201 | 13512 |
| 2 | Staff Salary for May 2020 by cheque | € 1,990.51 | € 1,990.51 | DA | PF | Payroll for May 2020 | nil | nil | nil | nil | 1200 | 13513 |
| 3 | Staff Salary for May 2020 by cheque | € 1,345.29 | € 1,345.29 | DA | PF | Payroll for May 2020 | nil | nil | nil | nil | 1200 | 13514 |
| 4 | Staff Salary for May 2020 by cheque | € 1,104.15 | € 1,104.15 | DA | PF | Payroll for May 2020 | nil | nil | nil | nil | 1200 | 13515 |
| 5 | Staff Salary for May 2020 by cheque | € 1,172.70 | € 1,172.70 | DA | PF | Payroll for May 2020 | nil | nil | nil | nil | 1200 | 13516 |
| 6 | Honoraria for May 2020 by cheque | € 939.28 | € 939.28 | DA | PF | onorarja ghal Mejju 2020 | nil | nil | nil | nil | 1100 | 13517 |
| 7 | Councillor Allowance for May 2020 by cheque | € 150.00 | € 150.00 | DA | PF | Allowance for May 2020 | nil | nil | nil | nil | 1101 | 13518 |
| 8 | Councillor Allowance for May 2020 by cheque | € 213.33 | € 213.33 | DA | PF | Allowance for May 2020 | nil | ini | nil | nil | 1101 | 13519 |
| 9 | Councillor Allowance for May 2020 by cheque | € 150.00 | € 150.00 | DA | PF | Allowance for May 2020 | nil | nil | nil | nil | 1101 | 13520 |
| 10 | Councillor Allowance for May 2020 by cheque | € 150.00 | € 150.00 | DA | PF | Allowance for May 2020 | nil | nil | nil | nil | 1101 | 13521 |
| 11 | Councillor Allowance for May 2020 by cheque | € 160.00 | € 160.00 | DA | PF | Allowance for May 2020 | nil | nil | nil | nil | 1101 | 13522 |
| 12 | Councillor Allowance for May 2020 by cheque | € 160.00 | € 160.00 | DA | PF | Allowance for May 2020 | nil | nil | nil | nil | 1101 | 13523 |
| 13 | Councillor Allowance for May 2020 by cheque | € 160.00 | € 160.00 | DA | PF | Allowance for May 2020 | nil | nil | nil | nil | 1101 | 13524 |
| 14 | Councillor Allowance for May 2020 by cheque | € 160.00 | € 160.00 | DA | PF | Allowance for May 2020 | nil | nil | nil | nil | 1101 | 13525 |
| 15 | Councillor Allowance for May 2020 by cheque | € 150.00 | € 150.00 | DA | PF | Allowance for May 2020 | nil | nil | nil | nil | 1101 | 13526 |
| 16 | Commissioner of Inland Revenue | € 3,325.56 | € 3,325.56 | DA | PF | NI & Tax for May 2020 | nil | nil | nil | nil | 1500 | 13527 |
| 17 | Petty Cash | € 164.49 | € 164.49 | DA | PF | reimbursement for May 2020 | nil | nil | nil | nil | 5010 | 13528 |
| | **Sub Total c/f** | **€ 13,567.94** | **€ 13,567.94** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **€ 13,567.94** | **€ 13,567.94** | | | | | | | | | |

**D - Direct Order, DA - Direct Order Approvat, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet**
**PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**
**Approvati fis-Seduta Nru:**

IFFIRMATA
Pierre Dalli
Sindku

IFFIRMATA
Cynthia Plumpton
Segretarju Eżekuttiv

IFFIRMATA - CLAYTON PORTELLI CASCUN
Proponent

IFFIRMATA - RAY DEGUARA
Sekondant

**Skeda ta' Pagamenti v3 - Rapport ta' Xiri u Pagamenti**

**Data: 21/05/2020 sa 15/6/2020**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jithallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 18 | Department of Information | € 10.00 | € 10.00 | d | PF | Advert in Government Gazzette re Librarian vacancy | nil | nil | nil | nil | 2940 | 13529 |
| 19 | Rocco Mifsud | € 5,631.01 | € 5,631.01 | T | PF | Street Sweeping for May 2020 | 01/06/20 | 15 | nil | nil | 3051 | 13530 |
| 20 | PMD Coatings (Malta) Ltd | € 396.48 | € 396.48 | T | PF | 4 traffic paint | 18/05/20 | 64539 | nil | nil | 2313 | 13531 |
| 21 | Maris Farrugia | € 206.50 | € 206.50 | D | PF | Risk Assessment at Playingfield PPRG | 11/05/20 | 1525 | 8206 | 8420 | 2340 | 13532 |
| 22 | Avantech Ltd | € 28.26 | € 28.26 | K | PF | Copy Count for May 2020 | 21/05/20 | 250658 | nil | nil | 2610 | 13533 |
| 23 | District Operations | € 331.35 | € 331.35 | D | PF | O/T Performed on 24/2/2020 during Carnival event | 21/05/20 | 193 | nil | nil | 3360 | 13534 |
| 24 | Di Rocco Trading Ltd | € 198.42 | € 198.42 | D | PF | 4 dishwashing liquid, 10 floor wash, 6 liquid bleach, 12 Deg, Garbage bags, 6 instant coffee, 12 white sugar, 3 teabags, toilet paper | 19/05/20 | 33720 | 8223 | 8437 | 2220 | 13535 |
| 25 | AB Supplies | € 720.86 | € 720.86 | D | PF | 4 rollers, 2 paint brushes, 1 plastic bag, 1 box gloves, 2 patio dressing tile red x10ltrs, 1 patio dressing tile red x10ltrs, patio white x5 ltrs, 1 white cement, 1 rasacote, 4 rollers, 1 handle, 1 zokk, 3 ramel, 3m sandpaper, white paint 5ltrs, 1 red tile paint 5ltrs, 1 kurrent, 8rollers, 1 gloves, 1 patio dressing 10ltrs, 2 tile red x10ltrs, 1 tile red 5ltrs, 2 white paint x5ltrs, 4 garbage bags, 2 ducting tape | 20/5/2020, 21/5/2020, 22/5/2020 | 75, 76, 77, 78, 79, 80, 81, 82, 83, 84, 85, 86 | 8224 | 8438 | 2303 | 13536 |
| 26 | Go plc | € 38.39 | € 38.39 | D | PF | Rent on mobile 79667649 for April 2020 | 02/04/20 | 68319738 | nil | nil | 2150 | 13537 |
| 27 | Polidano Brothers Ltd | € 4,721.90 | € 4,721.90 | T | PF | Final payment re PPP Triq Bormla | nil | nil | nil | nil | 4108 | 13538 |
| 28 | Cartridge World | € 80.00 | € 80.00 | D | PF | Toner Samsung MLT D 205L | 27/05/20 | 1500301 | 8225 | 8439 | 2620 | 13539 |
| 29 | Arry Ent Ltd | € 80.00 | € 80.00 | D | PF | Diesel IBL985 | 1/1/2020, 17/1/2020 | 349490, 358673 | 8020, 8044 | 8229, 8253 | 2750 | 13540 |
| 30 | Signmark Ltd | € 283.20 | € 283.20 | T | PF | Street Signs | 29/05/20 | 817 | nil | nil | 2313 | 13541 |
| 31 | WasteServ Malta Ltd | € 6,747.20 | € 6,747.20 | D | PF | Disposal of waste during April 2020 | 15/05/20 | 96406, 96362 | nil | nil | 3040 | 13542 |
| | **Sub Total c/f** | **€ 19,473.57** | **€ 19,473.57** | | | | | | | | | |
| | **Sub Total b/f** | **€ 13,567.94** | **€ 13,567.94** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **€ 33,041.51** | **€ 33,041.51** | | | | | | | | | |

**D - Direct Order, DA - Direct Order Approvat, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet**
**PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**
**Approvati fis-Seduta Nru:**

IFFIRMATA
Pierre Dalli
Sindku

IFFIRMATA
Cynthia Plumpton
Segretarju Eżekuttiv

IFFIRMATA - CLAYTON PORTELLI CASCUN
Proponent

IFFIRMATA - RAY DEGUARA
Sekondant

**Skeda ta' Pagamenti v3 - Rapport ta' Xiri u Pagamenti**

**Data: 21/05/2020 sa 15/6/2020**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jithallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 32 | AB Supplies | € 394.90 | € 394.90 | D | PF | 1 signal tape, 15 patio dressing, 10ltr patrio dressing, 5 ltr patio dressing, 1 scraper, 2 ramel, 1 zrar, 1 gloves, 4 c/up, 3 ramel, sandpaper, 1 mask, 3 flap disc, 1 cement black, 1 box gloves, 1 box masks, 2 patio dressing red, 1 patio dressing white | 25/5/2020, 26/5/2020, 27/5/2020 | 87, 88, 89, 90, 91, 92 | 8231 | 8445 | 2303 | 13543 |
| 33 | Catherine Sammut | € 377.40 | € 377.40 | D | PF | Maid service during the month of May 2020 | 30/05/20 | 84 | 8209 | 8423 | 3055 | 13544 |
| 34 | Adrian Mifsud | € 373.67 | € 373.67 | D | PF | DPO Service during the month of May 2020 | 31/05/20 | 14 | 8211 | 8425 | 3190 | 13545 |
| 35 | Kummissjoni Festa Esterna | € 1,500.00 | € 1,500.00 | D | PF | Xoghol fuq l-arblu fi Triq Zabbar quddiem Gallerija Complex | 01/06/20 | 11 | 8207 | 8421 | 3360 | 13546 |
| 36 | Wilson Mifsud | € 2,363.43 | € 2,363.43 | T | PF | Soft Areas during May 2020 | 01/06/20 | 15 | nil | nil | 3062 | 13547 |
| 37 | Datatrak IT Services | € 9.38 | € 9.38 | D | OF | 1 Pre regional ticket during May 2020 | 31/05/20 | 1013289 | nil | nil | 3610 | 13548 |
| 38 | EcoPure Ltd | € 208.00 | € 208.00 | D | PF | Free standing water dispenser | 29/05/20 | 829363 | 8228 | 8442 | 3340 | 13549 |
| 39 | EcoPure Ltd | € 25.13 | € 25.13 | D | PF | 9 Water Bottles for dispenser | 1/6/2020, 29/5/2020 | 829607, 829371 | 8234, 8237 | 8448, 8451 | 3340 | 13550 |
| 40 | AB Supplies | € 372.22 | € 372.22 | D | PF | 1 box masks, 1 box nails, 2 patio dressing tile red 10ltrs, 1 patio white 10 ltrs, 1 eggshell Blk 500ml, 2 paint brush, 1 patio 5 ltrs, 6 paint brushes, 1 mt sandpaper, 4 rollers, 1 tray, 1 roller, 4 hammerite, 1 sigma kwartz, 1 hempel 5 ltrs, 3mtrs sandpaper, 2 pair gloves, 2 gibs tat-2kgs | 27/5/2020, 1/6/2020 | 93, 94, 95, 96, 97, 98 | 8233 | 8447 | 2303 | 13551 |
| 41 | Dr C Xuereb | € 40.00 | € 40.00 | D | PF | Spaying of 1 female cat | 11/05/20 | nil | 8221 | 8435 | 3150 | 13552 |
| 42 | Arms Ltd | € 399.66 | € 399.66 | D | PF | Water & Electricity at 126/128, Triq Hompesch 2/4/2020 - 5/5/2020 | 28/05/20 | 29909544 | nil | nil | 2130/2140 | 13553 |
| 43 | Borg Cardona & Co Ltd | € 224.01 | € 224.01 | D | PF | 4 cat recovery cages | 06/05/20 | 192844 | 8242 | 8456 | 2240 | 13554 |
| 44 | Francis Service Station | € 80.00 | € 80.00 | D | PF | Diesel IBL985 | 06/06/20 | 4 | 8230, 8214 | 8428, 8444 | 2750 | 13555 |
| 45 | Techstore Ltd | € 880.56 | € 880.56 | D | PF | HP Toners black, yellow magenta, cyan x1, Canon toner 737 black x1, HP Toner 205A Black x4 | 08/06/20 | 77118 | 8244 | 8458 | 2620 | 13556 |
| 46 | AB Supplies | € 118.02 | € 118.02 | D | PF | 5 sigma kwartz 2.5Ltrs, 1 sigma kwartz 5Ltrs, 6 paint brushes, 1v/c grey, 1masking tape, 2 rollers | 08/06/20 | 112, 113 | 8245 | 8459 | 2303 | 13557 |
| 47 | Kummissjoni Festa Esterna | € 175.00 | € 175.00 | D | PF | Xoghol fuq 2 galletti u twahhil fuq l-arbli mal-binja tal-Kunsill | 06/06/20 | 12 | 8218 | 8432 | 3360 | 13558 |

| | | |
|---|---|---|
| | **€ 7,541.38** | **€ 7,541.38** |
| **Sub Total b/f** | **€ 33,041.51** | **€ 33,041.51** |
| **Total** | **€ 40,582.89** | **€ 40,582.89** |

**D - Direct Order, DA - Direct Order Approvat, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet**
**PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**
**Approvati fis-Seduta Nru:**

IFFIRMATA
Pierre Dalli
Sindku

IFFIRMATA
Cynthia Plumpton
Segretarju Eżekuttiv

IFFIRMATA - CLAYTON PORTELLI CASCUN
Proponent

IFFIRMATA - RAY DEGUARA
Sekondant

**Skeda ta' Pagamenti v3 - Rapport ta' Xiri u Pagamenti**

**Data: 21/05/2020 sa 15/6/2020**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jithallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 48 | Fgura United FC | € 5,068.10 | € 5,068.10 | T | PF | Hiring of artificial pitch Sept 2020 - Aug 2021 | 06/06/20 | 1-2020/21 | nil | nil | 3022 | 13559 |
| 49 | AB Supplies | € 340.58 | € 340.58 | D | PF | 4 mtrs sand paper, 1 broom, 1 gloves, wire brush, disposable mask, 1 patio 10Ltrs, 1 box gloves, 2 roll pplastic, 1 plastic, 2 brushes, 2 rollers, 1 mtr plastic, 1 double sided tape, 1 foldable knife, 2 acrylic paint 15ltrs, 1 box gloves, 1 gloss | 2/6/2020, 3/6/2020, 4/6/2020 | 101, 102, 103, 104, 105, 106, 107, 109, 110, 111 | 8239 | 8453 | 2303 | 13560 |
| 50 | Enemalta Plc | € 233.00 | € 233.00 | D | PF | Update of database, Form A & demarcation charges | 01/06/20 | 1800000596 | nil | nil | 3065 | 13561 |
| 51 | PMD Coatings Malta Ltd | € 1,231.92 | € 1,231.92 | T | PF | Road paint 5 yellow, 4 white, 1 thinner | 05/06/20 | 65028 | nil | nil | 2313 | 13562 |
| 52 | Nexos Street Lighting Ltd | € 1,982.19 | € 1,982.19 | T | PF | Street Light Maintenance | 30/05/20 | 2011465 | nil | nil | 3065 | 13563 |
| 53 | Perit William Lewis | € 1,219.40 | € 1,219.40 | T | PF | parking management, compliance certificate library, PA Application restoration niche Triq Karmnu, devolution application garden Triq Cospicua | 04/06/20 | 100 | nil | nil | 3131 | 13564 |
| 54 | Jimmy Muscat | € 1,559.58 | € 1,559.58 | T | PF | Bulky Refuse Collection during May 2020 | 31/05/20 | 5 | nil | nil | 3042 | 13565 |
| 55 | Joseph Baldacchino | € 35.00 | € 35.00 | D | PF | Flowers delivered to one of the employees on the occasion of a newborn baby boy | 04/06/20 | 15 | 8241 | 8455 | 3410 | 13566 |
| 56 | Adrian Mifsud | € 395.30 | € 395.30 | D | PF | Procurement Consultancy service re: playground surface, bulky refuse, road maintenance | 04/06/20 | 15 | 8240 | 8454 | 3190 | 13567 |
| 57 | | € 5,829.20 | € 4,932.40 | T | PF | Waste collection duringMay 2020 less invoice 912 re 4 times that organic was not disposed off | 31/5/2020, 6/5/2020 | 1070, 912 | nil | nil | 3041 | 13568 |
| 58 | Go plc | € 38.61 | € 38.61 | D | PF | Rent for June 2020 on mobile 79667649 | 02/03/20 | 69133949 | nil | nil | 2150 | 13569 |
| 59 | Go plc | € 122.65 | € 122.65 | D | PF | Extra telephone lines rent & usage BSAP00173 | 03/06/20 | 69257929 | nil | nil | 2160 | 13570 |
| 60 | Go plc | € 83.29 | € 83.29 | D | PF | Internet & telephony rent for June and charges for May 2020 | 03/06/20 | 69263449 | nil | nil | 2160 | 13571 |
| 61 | Saviour Belli | € 354.00 | € 354.00 | D | PF | Fixing of drainage in Triq San Gwann | 07/06/20 | 11 | 8226 | 8440 | 2303 | 13572 |
| 62 | Jesmond Bartolo | € 70.00 | € 70.00 | D | PF | Letter D in Bronze for Gorg Stevens monument | 14/06/20 | 658 | 8238 | 8452 | 3410 | 13573 |
| 63 | Signmark Ltd | € 168.74 | € 168.74 | T | PF | Street signs | 11/06/20 | 825 | nil | nil | 2313 | 13574 |
| 64 | DGalea Consult Ltd | € 1,416.00 | € 1,416.00 | D | PF | Accountancy Services Standard Retainer Apr - Jun 2020 | 15/06/20 | 83 | 8251 | 8465 | 3160 | 13575 |
| 65 | Antoinete Curmi | € 2,925.00 | € 2,925.00 | D | PF | Additional Accountancy Services Apr to Jun 2020 | 15/06/20 | 4 | 8252 | 8466 | 3160 | 13576 |
| 66 | Il-Mincott | € 705.42 | € 705.42 | D | PF | xkora cement bajda, zabgha magnolia 10ltrs, borza ta' fuq il-fil, Hempel Black 5ltrs, Hempel white 5ltrs, hempel red 5ltrs, hempel spice brown 5 ltrs | 10/6/2020, 15/6/2020 | 19210097, 19210670 | 8246, 8248 | 8462, 8460 | 2303 | 13577 |
| | **.** | **€ 23,777.98** | **€ 22,881.18** | | | | | | | | | |
| | **Sub Total b/f** | **€ 40,582.89** | **€ 40,582.89** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **€ 64,360.87** | **€ 63,464.07** | | | | | | | | | |

**D - Direct Order, DA - Direct Order Approvat, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet**
**PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**
**Approvati fis-Seduta Nru:**

IFFIRMATA
Pierre Dalli
Sindku

IFFIRMATA
Cynthia Plumpton
Segretarju Eżekuttiv

IFFIRMATA - CLAYTON PORTELLI CASCUN
Proponent

IFFIRMATA - RAY DEGUARA
Sekondant

Kunsill Lokali: IL- FGURA Dok C **Skeda Nru. 16**

**Skeda ta' Pagamenti v3 - Rapport ta' Xiri u Pagamenti**

**Data: 15/06/2020** **sa 24/6/2020**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | Dota Frames | € 70.00 | € 70.00 | D | PF | 2 frames | 17/06/20 | 367 | 8247 | 8461 | 2240 | 13578 |
| 2 | Twilight Sound System | € 2,937.15 | € 2,937.15 | D | PF | PA system fis-sala fit-tieni sular | 18/06/20 | 21 | 8212, 8256 | 8426, 8470 | 7310 | 13579 |
| 3 | EcoPure Ltd | € 11.17 | € 11.17 | D | PF | 4 Water Bottles for dispenser | 18/06/20 | 831663 | 8257 | 8471 | 3340 | 13580 |
| 4 | Avantech Ltd | € 21.56 | € 21.56 | K | PF | Copy Count for June 2020 | 22/06/20 | 251718 | nil | nil | 2610 | 13581 |
| 5 | PC Generation | € 1,947.00 | € 1,947.00 | D | PF | IT Agreement Apr - June 2020, IT Agreement Jul - Sept 2020 | 15/3/2020, 15/6/2020 | 3858, 3859 | 8164 | 8377 | 3110 | 13582 |
| 6 | | | | | | | | | | | | |
| 7 | | | | | | | | | | | | |
| 8 | | | | | | | | | | | | |
| 9 | | | | | | | | | | | | |
| 10 | | | | | | | | | | | | |
| 11 | | | | | | | | | | | | |
| 12 | | | | | | | | | | | | |
| 13 | | | | | | | | | | | | |
| 14 | | | | | | | | | | | | |
| 15 | | | | | | | | | | | | |
| 16 | | | | | | | | | | | | |
| 17 | | | | | | | | | | | | |
| | **Sub Total c/f** | **€ 4,986.88** | **€ 4,986.88** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **€ 4,986.88** | **€ 4,986.88** | | | | | | | | | |

**D - Direct Order, DA - Direct Order Approvat, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet**
**PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**
**Approvati fis-Seduta Nru:**

IFFIRMATA
Pierre Dalli
Sindku

IFFIRMATA
Cynthia Plumpton
Segretarju Eżekuttiv

IFFIRMATA - CLAYTON PORTELLI CASCUN
Proponent

IFFIRMATA - RAY DEGUARA
Sekondant

Dok 'D'

**Laqgha Kunsill Lokali 24/06/2020**

1. Skema Kulturali LESA

   Update – Il-permess tal-PA hareg u issa rridu nibdew ix-xogholijiet. Ga kellna zewg spezzjonijiet minn esperti f'dan il-qasam.

   Dwar il-Way Marker, ghandha bzonn li l-Perit jghamel disinn tal-bazi kif ser tigi sabiex hekk kif tkun lesta l-bazi, isir ic-caqliq tal-gebla u r-restawr isir wara. Ghalhekk hemm bzonn li jitqabbad il-perit tal-Kunsill sabiex jghamel dan id-disinn u nqabdu bennej sabiex jghamel il-bazi tal-monument.

2. **Laqgha tas-Sotto Kumitat Ambjent, Kultura u Wirt Storiku.**

   Saret laqgha ohra tas-sotto kumitat fl-ufficcju tal-Kunsill Lokali

3. **Isem ta Triq is-Sejba Punika**

   Ghad m'hemmx ziluppi

4. **Arblu ta' Triq Zabbar**

   L-ablu twahhal f'postu bil-ghajnuna tal-Kummissjoni Festa Esterna

5. **Arblu Triq il-Karmnu**

   L-arblu ta Triq il-Karmnu gie ordnat minghand il- KFE. Ma nahsibx li ser ikun lest qabel il-festa izda nippruvaw.

   Hemm bzonn ukoll issir hofra ghal dan l-arblu (mozzjoni).

6. **Arblu Pjazza Reggie Miller**

   Fl-istess gurnata li ngarr u twahhal l-arblu ta Triq Zabbar, inqala ukoll l-arblu ta Pjazza Reggie Miller. Jirrizulta li dan l-arblu ghandu hsara fil-bazi tieghu peress li l-konka fejn kien

imdahhal l-arblu ma kelliex minfejn jiskula l-ilma li jidhol u ghalhekk kien jibqa gewwa. L-arblu xorb ammont ta ilma u l-hsara gie ikkawzata.

Fl-opinjoni tieghi, xorta wahda ghandna nippruvaw insalvaw dan l-arblu. Bhalissa qieghed ghand il-KFE sabiex nippruvaw li jinxef u mbaghad inkunu nistghu naghmlu stima tal-hsara.

Iktar minhekk, il-Kunsill ga ha hsieb sabiex il-konka tal-arblu jsirulha toqob apposta minn fejn ghaddi l-ilma sabiex galadarba jerga jehel l-arblu, ma tkompliex issir hsara.

## 7. Ktejjeb zghir punti principali tal-Istorja tal-Fgura

Bdejt nahdem fuq it-taqsimiet ta dan il-fuljett. Nispera li jkolli iktar informazzjoni ghal-laqgha li jmiss.

## 8. Wesgha Nazzareno Farrugia

L-applikazzjoni ghal din il-Wesgha giet ipprezentata lill-Kumitat ghat-Tismija tat-Toroq. Issa nistennew minghandhom sabiex naraw x'ser ikun ir-rizultat. Min-naha tal-Kunsill mal-applikazzjoni ghamilna ukoll biografija fuq is-Sur Farrugia, artiklu li dehru fil-portals tal-ahbarijet kif ukoll posts li sehru fuq facebook fost l-ohrajn

## 9. Bust Nazzareno Farrugia

Tkellimt mal-Artist Aaron Camilleri Cauchi bit-telefon peress li minhabba s-sitwazzjoni tal-Covid 19 ghandhom mhux qed jiltaqghu ma klijenti.

Infurmani li huma ga bdew xi xogholijiet bit-tafal fuq id-disinn. Kif ikollhom l-ewwel abbozz ser jghadduh ghall-attenzjoni tal-Kunsill. Ix-xoghol kollu taghhom ser ikun minghajr hlas.

Trid tittiehed decizjoni jekk il-bust hux ser isir tal-bronz jew tal-fibre. Issuggerixxa ukoll li jekk ser ikun hemm iktar minn bust wiehed fil-pjazza, fl-opinjoni tieghu dawn ghandhom ikunu kollha tal-istess materjal.

Hemm bzonn ukoll decizjoni definitiva jekk il-bust hux ser isir fi Pjazza Reggie Miller jew x'imkien iehor.

Hemm bzonn ukoll li jsir disinn tal-bazi tal-bust. Fl-opinjoni tieghi il-bazi ghandha tkun kollha l-istess u jkun hemm post fejn jinkiteb l-isem tal-persuna, deskrizzjoni zghira u d-dati tat-twelid u tal-mewt.

**10. Esebizzjoni Tpingijiet Tfal**

Fl-opinjoni tieghi din il-kompetizzjoni ghandha tinghalaq. Ghandna madwar 50 tpingija. Hemm bzonn approvazzjoni sabiex nibdew nahdmu fuq il-ktejjeb li ser nohorgu b'dawn it-tpingijiet, jittiehed ritratt tat-tpingijiet kollha sabiex ikunu kollha professjonali minhabba l-istampar u li ssir wirja fil-Kunsill b'dawn l-istess pitturi.

**11. Pjazza George Stevens**

Dan ix-xoghol sar.

**12. Attivita Milied u Festa tal-Ilsien Malti**

Ix-xoghol fuq din l-attivita beda. Il-hsieb huwa li din l-attivita ssir fi Triq il-Karmelitani w possibbilment Wesgha Reggie Miller. Il-gurnata tkun is-Sibt 19 ta dicembru. L-attivita tkun tinkludi numru ta stands kif ukoll is-serata tal-Festa tal-Ilsien

malti. Iktar dettalji fil-laqghat li gejjin. Il-programm tal-Festa tal-Ilsien malti qed tigi kkordinata minn Martin Morana.

13: Wirja Jum il-Fgura

Aaron Camilleri Cauchi esprima x-xewqa li din il-wirja tigi posposta ghal Jum il-Fgura 2021.

Qed nissuggerixxi li minflok jew nghamlu l-Wirja tat-tfal marbuta mal-Covid 19 jew inkella nghamlu wirja fuq numru ta personaggi mill-Fgura jew li taw kontribut ghall-Fgura, il-75 ann tal-Karmelitani fil-Fgura kif ukoll dwar numru ta ghaqdiet li din is-sena qed jiccelebraw xi anniversarju.